MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2010

Numru 943/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Agius)**
**vs**

**FABRIZIO RUNZA**
**SIMONE ABELA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Fabrizio Runza ta' 25 sena, iben Anthony u Mary nee' Camilleri imwieled Pieta' fil-21 ta' Gunju 1984 detentur ta' karta t'identita' nru 0305784M u residenti 784, triq il-Kbira San Guzepp, Hamrun u lil Simone Abela ta' 18 il-sena bint Francis Abela u Emanuela nee' Micallef imwielda Pieta' fis-17 ta'

Frar 1991 detentur ta' karta t'identita' nru 123391M u residenti 21, Sqaq il-Qasab, Hamrun.

Akkuzati talli fit-12 ta' Settembru 2009 fi Triq il-Kbira San Guzepp fil-Hamrun, ghal habta tal-23.00hrs gieghelu ufficcjali pubblici li jghamlu jew ma jghamlux xi haga li ghadha x'taqsam mal kariga taghom (Art 91 chpt 9)

Akkuzati ukoll talli fl-istess jum fl-istess jum lok u cirkustanzi naqsu li jghatu il-partikularijiet taghhom lil pulizija jew xi awtorita' kompetenti meta dawn gew mitluba jghamlu dan.

Akkuzati ukoll talli fl-istess jum lok u cirkustanzi attakkaw jew ghamlu resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta ohra li titqies vjolenza publika, kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz publiku, filwaqt li kienet tagixxi ghal esekuzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita kompetenti. Sec.96(b) (98) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Akkuzati ukoll talli fl-istess jum lok u cirkustanzi ikkagunaw offizi ta' natura hafifa fuq il-persuni ta' PS1195 Conrad Denbattista u PC507 Rhys Cassar kif iccertifika Dr. Carmel Causon tac-centru tas-sahha tal-Furjana, meta dawn kienu ufficcjali publici jew kienu inkarigati skond il-ligi minn servizz publiku jew li huma jew kienu ufficcjali jew impjegati ta' korpi kostiwiti b'Ligi meta r-reat sar ghax dawn kienu qed jaghmlu d-dmirijiet tal-kariga taghhom (Art 222 (1C) tal-kap 9.

Akkuzati ukoll talli fl-istess jum lok u cirkustanzi bil-fomm gheddhew, injurjaw jew theddid mhux imsemmi band'ohra f'dan il-kodici jew jekk ikun iprovokat, jingurja b'mod li johrog barra mil-limiti tal-provokazjoni lil PS1195, PC1456, PC275, PC507 waqt il-qadi ta' dmirijiethom waqt li dawn kienu qed jghamlu xi haga li ghandha x'taqsam mal-kariga taghhom u dan bi ksur tal-art 339 (1), (e) (bb) u 342 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Lil Fabrizio Runza wahdu akkuzat ukoll talli fl-istess jum lok u cirkustanzi kien qed isuq vettura minhajr id-dawl ta' quddiem bi ksur tar-regolamenti tat-traffiku.

Akkuzati ukoll talli fl-istess jum, hin u cirkustanzi fi Triq irjali San Guzepp fil-Hamrun u fl-ghassa tal-pulizija tal-Hamrun kisru il-bon ordni jew il-kwiet tal-publiku b'dagha, ghajjat u glied. Sec 338 (dd) u Sec 342 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Akkuzati ukoll talli fl-istess jum lok u cirkustanzi qalu kliem oxxen jew indicenti, jew ghamlu gesti oxxeni, jew b'xi mod iehor mhux provdut fil-kodici kriminali, offendew il-morali. L-ingieba xierqa jew dicenza publika, u dan bi ksur tal-art 338 (bb) u 342 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba biex f'kas ta' htija tiprovdi ghas-sigurta ta' PS1195, PC507, PC1456 U PC275, skond l-art 383, 384 u 385 tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Semghet provi

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok. AJ1 u nnutat li l-imputati m'ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputati iddikjaraw li huma hatja tal-akkuzi kolha migjuba kontra taghhom.

Il-Qorti wissiet lill-imputati bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghhom u taghthom ftit taz-zmien sabiex jiddeciedu jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, u wara li gew mistoqsija jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, l-imputati wiegbu li huma hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom.

Innutat li l-imputati, seduta stante, skuzaw ruhhom dwar l-akkadut ma' PS 1195, PC1456 u PC 507 presenti fl-Awla.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li hu konsapevoli li l-imputati huma persuni ta' karattru tajjeb u li jidher li dan l-incident kien kaz isolat f'hajjithom.

Rat fil-konfront tal-imputat Fabrizio Runza ir-Regolament 100 tal-Avviz Legali 128/1994 u l-artikoli 17, 91, 338(g), 96, 98, 222(1) (c), 339(1)(e), 338(dd), 338(bb) u 342 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat fil-konfront tal-imputata Simone Abela l-artikoli 17, 91, 338(g), 96, 98, 222(1) (c), 339(1(e), 338(dd),338(bb) u 342 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputati Fabrizio Runza u Simone Abela, fuq ammissjoni, hatja ta' l-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fedina penali netta tal-imsemmija imputati, li imputati, seduta stante, skuzaw ruhhom dwar l-akkadut ma' PS 1195, PC 1456 u PC 507 presenti fl-Awla u dak dikjarat fil-Verbal tas-Seduta tallum mill-Ufficjal Prosekutur kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, tillibera lill-istess imputati Fabrizio Runza u Simone Abela taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum u inoltre tikkundanna lill-imsemmija imputati Fabrizio Runza u Simone Abela ghall-piena ta' mitejn u tnejn u tletin Euro u erba' u disghin centezmi ta' Euro (Euro 232.94) multa kull wiehed.

Inoltre, il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-imputati Fabrizio Runza u Simone Abela b'obbligazzjoni personali ta' hames mitt Euro (Euro 500) kull wiehed li jzommu l-kwiet ma' PS 1195, PC 507, PC 1456 u PC275 u li jzommu il-bonordni pubbliku ma' kulhadd ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputati Fabrizio Runza u Simone Abela l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------